



Brussell, 9 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14370/24
ADD 1

Fajl Interistituzzjonal:
2024/0243(NLE)

UD 209
MED 43
COMER 118
ECOFIN 1121
POLCOM 269

PROPOSTA

minn: Is-Segretarju Ĝeneralni tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 9 ta' Ottubru 2024

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: COM(2024) 441 final

Sugġgett: ANNESS
tal-
Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill
dwar l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji fir-rigward tal-emenda tad-Deċiżjoni 1/2023 ta' dak il-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-użu taċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku fil-qafas tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji applikabbli mill-1 ta' Jannar 2025

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2024) 441 final.

Mehmuż: COM(2024) 441 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.10.2024
COM(2024) 441 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Konvenzjoni Regionali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji fir-rigward tal-emenda tad-Deċiżjoni 1/2023 ta' dak il-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-użu taċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku fil-qafas tal-Konvenzjoni Regionali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji applikabbi mill-1 ta' Jannar 2025

ANNESS

Deċiżjoni Nru X/2024

TAL-KUMITAT KONĠUNT TAL-KONVENZJONI REĠJONALI DWAR IR-REGOLI TAL-ORIĠINI PREFERENZJALI PAN-EWRO-MEDITERRANJI

ta' xx.xx.2024

li temenda d-Deċiżjoni 1/2023 tal-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-użu taċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku fil-qafas tal-Konvenzjoni Reġjonalni dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji applikabbli mill-1 ta' Jannar 2025

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Reġjonalni dwar ir-regoli tal-oriġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3)(a) tagħha,

Billi:

- (1) Fil-bidu tal-2020, il-Kummissjoni infurmat lill-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni Reġjonalni dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji¹ (il-Konvenzjoni) li minħabba li l-pandemija tal-COVID-19 issospendiet il-kuntatti bejn l-awtoritajiet doganali u l-operaturi ekonomiċi f'għadd ta' Partijiet Kontraenti, il-maġġoranza tal-Partijiet Kontraenti ma setgħux jipprovdū ċertifikati tal-moviment għal finijiet preferenzjali tal-oriġini fl-ghamlha dovuta, jiġifieri ffirmati bl-idejn, ittimbrati mid-dwana bil-linka mxarrba jew bl-użu tal-format it-tajjeb tal-karta.
- (2) Il-biċċa l-kbira tal-Partijiet Kontraenti qiesu li jixraq jiġu adottati miżuri eċċeżżjonali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni šiħa tal-arrangġamenti kummerċjali preferenzjali koperti mill-Konvenzjoni. Dawk il-miżuri eċċeżżjonali kienu applikabbli fuq bażi reċiproka mill-Partijiet Kontraenti li użaw id-dispożizzjonijiet rilevanti fir-regoli tal-oriġini.
- (3) Matul il-pandemija tal-COVID-19, xi Partijiet Kontraenti żviluppaw jew adattaw is-sistemi elettroniċi eżistenti għall-ħruġ taċ-ċertifikati b'mod elettroniku biex jibbilanċjaw il-ħtieġa għall-flessibbiltà mal-ħtieġa għall-konformità mar-rekwiżiti dwar il-format taċ-ċertifikati tal-moviment deskritti fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni.
- (4) L-awtoritajiet doganali tal-Partijiet Kontraenti ġew mistiedna jaċċettaw iċ-ċertifikati tal-moviment għal skopijiet ta' oriġini preferenzjali, maħruġa b'mod elettroniku b'firma, timbru jew siġill diġitali tal-awtoritajiet kompetenti, jew kopja f'forma stampata jew elettronika (skennjata jew disponibbli online) abbażi tal-flessibbiltà prevista fl-Artikolu 24 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni.
- (5) Waqt il-laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat Konġunt ġie infurmat b'talba minn Parti Kontraenti biex jinżammu l-prattiki tajbin introdotti bil-miżuri eċċeżżjonali adottati waqt il-pandemija tal-COVID-19 sabiex l-operaturi ekonomiċi jibbenifaw mid-diġitalizzazzjoni taċ-ċertifikati tal-moviment.
- (6) Il-Partijiet Kontraenti rrikonoxxew l-esperjenza pożittiva dwar l-użu taċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku fil-kummerċ preferenzjali skont il-miżuri

¹ ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2013/94\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2013/94(1)/oj).

eċċezzjoni adottati minħabba l-pandemija tal-COVID-19, u impenjaw ruħhom li jżommu l-prattiki tajbin introdotti bit-tali miżuri eċċezzjoni billi jaħdmu flimkien lejn l-introduzzjoni ta' sistema komuni bbażata fuq il-provi tal-oriġini elettroniċi u l-kooperazzjoni amministrativa elettronika fiż-żona pan-Ewro-Mediterranja (PEM).

- (7) Il-Partijiet Kontraenti jqisu li l-bidla lejn sistema li toħroġ ċertifikati tal-moviment b'mod elettroniku u li tipprevedi kooperazzjoni amministrativa elettronika fil-qafas tal-Konvenzjoni tikkostitwixxi l-ewwel passi lejn diġitalizzazzjoni sħiħa tal-provi tal-oriġini fuq l-iskala taż-żona PEM, speċjalment fid-dawl tad-dħul fis-seħħ li jmiss tal-emenda tal-Konvenzjoni bid-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Kongunt².
- (8) Is-sistemi ddisinjati għall-ħruġ elettroniku taċ-ċertifikati tal-moviment jenħtieġ li joffru l-possibbiltà għall-awtoritajiet doganali tal-Partijiet Kontraenti li jikkontrollaw l-awtentiċità tagħhom minnufih.
- (9) Fis-7 ta' Diċembru 2023, il-Kumitat Konġunt adotta r-Rakkmandazzjoni 1/2023³ dwar l-użu ta' ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku skont il-qafas tal-Konvenzjoni. Sabiex jiġi pprovdut qafas legali ċar u biex tiġi żgurata l-konsistenza fl-użu taċ-ċertifikati elettroniċi fil-kuntest tat-traniżżjoni mill-Konvenzjoni għall-Konvenzjoni riveduta, li se tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2025, id-Deċiżjoni 1/2023 jenħtieġ li tīgħi emdata biex il-Konvenzjoni riveduta tinkludi r-rekwiżiti ġenerali dwar il-provi tal-oriġini maħruġa b'mod elettroniku fl-Artikolu 17(4) tal-Appendiċi I,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikoli 1

- Id-Deċiżjoni 1/2023 għandha tiġi emdata kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.
- L-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.

Artikoli 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

² Id-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-Regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji tas-7 ta' Diċembru 2023 dwar l-emendar tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-oriġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji (ĠU L 2024/390, 19.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/390/oj>).

³ Ir-Rakkmandazzjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-Regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji tas-7 ta' Diċembru 2023 dwar l-użu ta' ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku (ĠU L 2024/243, 15.1.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2024/243/oj>).

ANNESS tad-Deċiżjoni Nru X/2024 TAL-KUMITAT KONĠUNT TAL-KONVENZJONI
REĠJONALI DWAR IR-REGOLI PREFERENZJALI TAL-ORIĠINI PAN-EWRO-MEDITERRANJI

Artikolu Uniku

Emenda tad-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni Reġjonalni dwar ir-regoli tal-oriġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji

Fl-Artikolu Uniku tal-Anness tad-Deċiżjoni 1/2023, il-punt (5), il-Paragrafu 4 tal-Artikolu 17 fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni Reġjonalni dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, żewġ Partijiet Kontraenti jew aktar jistgħu jaqblu li jistabbilixxu sistema li permezz tagħha l-provi tal-oriġini elenkat fil-paragrafu 1 ikunu jistgħu jinħarġu b'mod elettroniku u/jew jiġu ppreżentati b'mod elettroniku.

Sakemm tiġi stabbilita sistema bħal din, il-Partijiet Kontraenti għandhom jaċċettaw iċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku meta jiġi ppreżentati waqt l-importazzjoni, dment li:

- (a) iċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku jkollhom għamlha simili għall-mudell deskrift fl-Anness IV;
- (b) l-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti esportatri ċi jipprevedu sistema online bbażata fuq l-internet biex tiġi verifikata l-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku;
- (c) iċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku jkollhom numru tas-serje uniku, u jekk ikunu disponibbli, karatteristiċi tas-sigurtà li bihom jistgħu jiġi identifikati; u
- (d) id-data minn meta Parti Kontraenti tibda toħroġ iċ-ċertifikati tal-moviment elettroniċi tiġi speċifikata fl-avviżi ppubblikati f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje C) u skont il-proċeduri propriji tal-Partijiet Kontraenti.

Parti Kontraenti tista' tiddeċiedi li tissospendi l-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku meta l-kundizzjonijiet elenkat hawn fuq ma jkunux issodisfati u f'dak il-każ għandha tinforma bil-quddiem lill-Partijiet Kontraenti l-oħra b'dan, permezz tas-segretarjat tal-Kumitat Konġunt. F'każ ta' sospensjoni, l-avviżi kif imsemmija fil-punt (d) għandhom jindikaw id-data tal-bidu tas-sospensjoni.”

Għall-Kumitat Konġunt
Il-President